

32003R1492

L 214/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

26.8.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EC) Nru 1492/2003**tal-25 ta' Awissu 2003****li jagħti deroga, għas-sena tas-suq 2003/04, mir-Regolament (KE) Nru 2316/1999 f'dak li jirrigwardja l-użu ta' l-art imħollija mwarrba għewwa l-Isvezja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 tat-30 ta' Mejju 1999 li jstabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti wċuh tar-raba maħrut ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1038/2001 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2316/1999 tat-22 ta' Ottubru 1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 li jstabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti wċuh tar-raba maħrut ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1035/2003 ⁽⁴⁾, jiffissa t-termini dwar liema pagamenti taż-żona huma mogħtija għal ċerti uċuh tar-raba maħruta. Permezz ta' l-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 2316/1999, iż-żoni mwarba għandhom jibqgħu għal perijodu li jibda fil-15 ta' Jannar l-aktar tard u li jistpiċċa fil-31 ta' Awossi l-aktar kmieni u, apparti milli kif hemm provvedimenti mod ieħor, ma jkunx jista jintuża għall-roduzzjoni agrikola jew għal skop ta' qlieġ ta' flus.
- (2) Ċerti reġjuni fl-Isveja esperjenzaw inżul ta' xita eċċessivament qawwija f'Lulju 2003; dan serjament affettwa il-fornimenti ta' l-għalf u rriżulta ftelf l-aktar kbir tad-dħul tal-bdiewa li jrabbu l-anniamli minħabba li dawn kienu obbligati li jbiegħu il-qobla tagħhom meta l-għalf normali għalihom ma kienx disponibbli.
- (3) Għalhekk huwa rakkommandabbli li jinstabu fornimenti supplementari ta' l-għalf sabiex ikunu mitmuha il-qobla bejn issa u l-ħarifa.

- (4) Deroga mir-Regolament (KE) Nru 2316/1999 għandha għalhekk tkun introdotta li permezz tagħha ir-reġjuni affettwati jkunu jistgħu jippermetti li l-uċuh tar-raba harratija imħollija bħala mwarrba li jkunu utilizzati għall-iskopijiet ta' l-għalf ta' l-annimali qabel l-iskadenza tal-perijodu tat-twarib, waqt li tintroduċu miżuri li ma jħallux xi utilizzazzjoni bi qlieġ ta' l-art tali.
- (5) Il-miżuri li hemm provvedimenti dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Għestjoni għaċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Bħala deroga mill-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 2316/1999, ir-reġjuni tal-Isvezja elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament jistgħu jippermettu li l-art iddikjarata bħala imwarrba li din tkun utilizzata għall-iskopijiet ta' l-għalf ta' l-annimali fis-sena tas-suq 2003/04.

2. L-Isvezja għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tassigura li l-art imwarrba kif indikata fil-paragrafu 1 ma tkunx utilizzata għal skopijiet ta' qlieġ ta' flus, u li partikolarment l-ebda għajjnuna tal-produzzjoni ta' l-għalf niexef permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 603/95 ⁽⁵⁾ ma tkun mogħtija għall-uċuh imkabbra hemmhekk.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jkun japplika b'effett mill-1 ta' Awissu 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Awissu 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 16.

⁽³⁾ ĠU L 280, tat-30.10.1999, p. 43.

⁽⁴⁾ ĠU L 150, tat-18.6.2003, p. 24.

⁽⁵⁾ ĠU L 63, tal-21.3.1995, p. 1.

L-ANNEX

L-ISVEZJA

Kalmar län

Jönköpings län
